**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28 – L-ERBGĦA 13 TA' JANNAR 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**28.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

28.1.1 Ma kienx hemm.

**28.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

28.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (27) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

28.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 28.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

28.3.1 Ma kienx hemm.

## 28.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

28.4.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li bdiet id-distribuzzjoni ta' *recyclable bins* mis-Sala tal-Kunsill biex ninkoraġġixxu lir-residenti biex jiddisponu mill-ħġieġ. Irringrazzja pubblikament lill-ażjenda kummerċjali fl-Iklin JB Stores tal-kollaborazzjoni konġunta f'din l-inizjattiva ambjentali. Spjega li l-qies ta' recyclable bin huwa idejali għall-mara tad-dar u tista faċilment timmaniġġjah. Ikkonkluda li fil-maġġor parti kellu kliem ta' tifħir mir-residenti għal din l-inizjattiva.

28.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-iskema awtorizzata Green MT kien għaddiet komunikat lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill dwar il-ġabra tal-ħġieġ kull tielet ġimgħa tax-xhar fejn qed tirrimarka li mill-ewwel ftit ġimgħat li ilhom joperaw dan is-servizz, qed jirriżulta li mhiex sostenibbli u għaldaqstant talab lill-Kunsill biex jikkunsidra dan. Is-Sindku Dott. Sciberras qal li huwa kien ser joġġezzjona għall-fatt li l-Kunsill għadu qed jippromwovi dan is-servizz mar-resdenti u fejn il-Kunsill se jkun qed jagħmel il-parti tiegħu biex dan is-servizz jibqa operabbli. Fil-frattemp, il-Kunsill talab statistika biex ikun jista janalizza s-sitwazzjoni u wara jittieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn.

Is-Sindku Dott. Sciberras għamel riferenza wkoll għal webinar li ġie organizzat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-riformi fl-immaniġġjar tal-iskart. Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier Godwin Catania li attenda għal dan il-webinar. Min-naħa tal-Kunsillier Catania, ta *briefing* dwar x'ġie diskuss u x'qed jiġi propost. Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Catania qal li ħareġ ċar mil-laqgħa li *single use plastic* irid jiġi eliminat u naturalment il-probabiltà li jiżdied il-ħġieġ. Spjega wkoll li minn din il-laqgħa kien spjegat li l-Kunsilli xorta waħda jkollhom kontroll tas-servizz fejn semma mezzi teknoloġiċi biex il-Kunsill ikun jista jagħmel il-monitoraġġ neċessarju permezz ta' *data track* u sistemi biex jinżamm l-istess kwalità ta' servizz li qed jingħata fil-preżent.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill Reġjonali Ċentru diġa għamel il-pożizzjoni tiegħu ċara dwar il-kuntratt tal-immaniġġjar tal-iskart fejn qal li l-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt il-Kunsill Reġjonali Ċentru ma jaqblux ma' dak li qed jiġi propost min-naħa tal-Gvern. Finalment din ser tkun prerogattiva tal-Gvern Ċentrali u wieħed irid jara l-eżitu tagħha u finalment jirrispetta d-deċiżjonijiet.

28.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li nfetħet kawża kontra l-Kunsill Lokali L-Iklin minn sidien tar-raba' li qed jgħidu li ngħalaq l-aċċess kompletament bix-xogħol li sar riċentement fuq il-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Richard Taylor biex ikunu jistgħu jaċċessaw għar-raba' tagħhom li jinsabu aktar 'il fuq.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ġab il-kunsens mingħand is-sidien tar-raba' li tmiss mat-triq biex isir rikostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjiegħ mad-dawra tar-raba' tagħhom peress li kien fi stat ta' dilapidazzjoni. Is-sidien tar-raba' li taw il-kunsens lill-Kunsill biex jibnu mill-ġdid il-ħitan tas-sejjiegħ kienu insistew mall-Kunsill biex l-għalqa tagħhom tkun iċċirkondata bil-ħitan għax kien lok ta' abbuż biex jintrama l-iskart. Kompla billi qal li qatt ma kien hemm aċċess minn din il-parti u l-ħitan kien hemm però kien fi stat ta' kollass u ma kien hemm l-ebda forma ta' apertura.

Sintendi l-Kunsill se jkun qed jirreżisti dan il-każ u nforma li l-Kunsill diġa rrisponda bl-avukat. Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill ser iżomm lil min fetaħ il-kawża responsabbli għal kwalsiasi danni kkaġunati lill-Kunsill minħabba l-aġir tas-sidien li fetħu din il-kawża.

Finalment, jekk il-Qorti tordna lill-Kunsill biex jinfetaħ l-aċċess, il-Kunsill jirrispetta d-deċiżjoni.

28.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li fir-rigward tal-proġett fi Sqaq in-Namur, il-Kunsill sejjaħ laqgħa fuq il-post fil-preżenza tal-Perit li qed jissorvelja l-proġett, lill-Kuntrattur appuntat mill-Kunsill u l-partijiet konċernati biex jiġi spjegat mill-Perit il-linja li ser jimxi magħha l-kuntrattur fir-rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ. Kien hemm qbil bejn il-partijiet kollha u x-xogħlijiet fuq dan il-proġett għandu jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin.

28.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill reġa kellu baraxx ta' ilmenti dwar *outflow* ta' drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos u l-issue tat-tappieri li jintrefgħu fil-ġranet bil-maltemp.

Is-Sindku nforma li huwa kien f'kuntatt mall-Korporazzjoni għas-Servizzi dwar din is-sitwazzjoni inaċċettabbli.

Skont l-informazzjoni li kiseb mill-Engineer responsabbli mil-lokalità tal-Iklin, jista jkun li x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Wied qed jaffettwa l-infrastruttura tad-drenaġġ aktar 'l isfel. Ir-raġunijiet li ngħata kien li kien waqa' t-turbazz fis-sistema tad-drenaġġ u qed tikkawża ħsara, u t-tieni raġuni tista tkun li peress li saret infrastruttura ġdida (sewer main) ġdid fi Triq il-Wied, il-problema ġiet *shifted* aktar 'l isfel bil-konsegwenza li kull darba li jagħmel il-maltemp, jirriżulta fi żbroff ta' drenaġġ u bl-istess pressa televa t-tappieri eżistenti mad-dawra ta' *roundabout* fi Triq Ġeronimo Abos km Triq San Mikiel u dik ta' Triq il-Klin km Triq Ġeronimo Abos u qed ikun hemm *outflow* ta' drenaġġ fit-triq.

Minbarra l-periklu u inkonvenjenzi oħra fuq it-triq, hemm ukoll l-aspett ta' iġene li ċertament ma jawgurax tajjeb għas-saħħa tal-persuni. Il-Kunsill ser jibqa jsegwi dan il-każ mal-entitajiet konċernati sa ma tiġi riżolta a sodisfazzjon ta' kulħadd.

Is-Sindku ikkonkluda li l-proġett ta' Triq il-Wied għandu jkun komplut sal-aħhar ta' Marzu.

28.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li minkejja li l-Kunsill talab lill-Onorevoli Ministru Dr. Farrugia biex niltaqgħu miegħu dwar l-irwejjaħ ta' qatran li allegatament qed joħorġu minn impjanti li hemm fil-parti ta' fuq tal-Iklin, u minkejja li l-Kunsill kien imwiegħed li l-Awtorità ERA kellha tiġi lura bir-rapporti dwar l-allegat każ, jidher li l-Kunsill baqa' mingħajr *feedback* u mingħajr l-ebda riżultati dwar il-kwalità tal-arja fuq dan il-każ. Is-Sindku wiegħed li ser ikompli jsegwi l-każ. Kompla billi qal li huwa kien informalment talab parir legali però jekk il-Kunsill ser jibqa jiġi njorat, semma li jekk il-Kunsill imexxi bi proċeduri legali, jista jkun hemm metodu fejn il-Qrati tal-Ġustizzja titlob lill-Awtorità kompetenti, f'dan il-każ lill-ERA biex tordnalha li jsiru t-testijiet.

28.4.8 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għaddiet korrispondenza lill-Kunsill Lokali L-Iklin dwar talba għal un/loading bay fi Triq Ġeronimo Abos fejn issemmi li l-Awtorità ma ssibx oġġezzjoni biex issir l-imsemmija un/loading bay għalhiex skont il-policy eżistenti, it-tip ta' negozju in kwistjoni huwa eliġibbli għal un/loading.

Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni dwar l-istess talba fejn wara diskussjoni wiesgħa, il-Kunsill kien ħa vot kontra li din it-talba tiġi milqugħa minħabba numru ta' raġunijiet li l-Kunsill m'għandux kontroll fuqhom. L-eżitu tad-deċiżjoni kien komunikat lill-Awtorità. Il-Kunsill se jżomm mall-pożizzjoni li kien ħa fis-seduti preċedenti.

28.4.9 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li dawn it-talbiet għal un/loading bays qed jiżdiedu u l-Kunsill irid jieħu pożizzjoni dwar dawn it-talbiet. Semma t-talba li saret minn CS Group li hija kumpanija tal-kostruzzjoni rreġistrata fejn l-Uffiċċju u l-maħżen huma bbażati fi Triq il-Mużika L-Iklin, u talba oħra minn Dizz Group li għandha Mega Store fi Triq Dun Karm L-Iklin (service road).

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Emanuel Zammit spjega li dawn it-talbiet huma kollha bejn wieħed u ieħor fl-istess akwata u qal li f'din iż-żona hemm diġà (4) Communal Un/Loading bays. Dawn saru biex l-istabbilimenti tan-negozju taż-żona jagħmlu użu minnhom u m'hemm l-ebda un/loading bay li saret speċifikament għal xi sid ta' negozju partikolari. Il-Kunsillier Zammit żied jgħid li jeżistu l-abbużi u l-infurzar mhuwiex konsistenti. Ir-residenti tal-akwata ma jaffordjawx li jibqgħu jitilfu l-ispazji ta' parkeġġi għal skop kummerċjali. Ir-residenti li jirrisiedu f'din iż-żona jiffaċċjaw diffikultajiet kbar u ma jħossx li l-Kunsill għandu jakkomoda aktar talbiet.

Bil-permess tas-Sindku, il-Kunsillier Godwin Catania għamel ukoll l-osservazzjonijiet tiegħu u qabel mall-Kunsillier Zammit dwar din is-sitwazzjoni.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill kellu jimxi mal-istess prinċipju li ħa fuq talba oħra minn sid ta' negozju fi Triq Ġeronimo Abos u se jkun qed jirrifjuta li jagħmel ir-rakkomandazzjoni lill-Awtorità biex dawn it-talbiet ikunu kkunsidrati.

Kien deċiż li l-Kunsill kellu jikkomunika din id-deċiżjoni lil dawn is-sidien tan-negozji fl-Iklin filwaqt li joffri l-assistenza billi japplikaw għall-avviżi mal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill kull meta jkollhom iħottu l-merkanzija jew sabiex isir depożitu ta' makkinarju goff fit-triq kull darba li tinħass din il-ħtieġa.

## 28.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

28.5.1 Ma kienx hemm.

## 28.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

28.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn il-5 ta' Diċembru 2020 u l-11 ta' Jannar 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

28.6.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 2356/20. L-Istrina 2020. Is-Sindku informa li l-inizzjattiva li ħa l-Kunsill biex jinġabru fondi għall-Istrina ma laħqitx is-suċċess mixtieq. Wara diskussjoni, kien deċiż li d-donazzjonijiet miġbura jgħaddu lill-Malta Community Chest Fund Foundation.

28.6.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 2361/20. Promozzjoni tal-website reġjunċentru360 mill-Kunsill Reġjonali Ċentru.

28.6.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 2401/20. *Waste Consignment Permits*. Il-Kunsilli Lokali huma mitluba jimlew applikazzjonijiet online mis-sistema tal-ERA biex l-operaturi jkunu jistgħu jaċċessaw il-faċilitajiet.

28.6.5 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 2409/20. *Registration of licensed tree specialists*. Regolament 19 li jipprovdi għal *Trees and Woodlands Protection Regulations* daħlu fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2021 u jistipula li dawk il-persuni li jagħmlu xi forma ta' intervent fuq siġar 'of historic or antiquarian importance as listed in S.L.445.92; located within Urban Public Open Spaces; protected through a Tree Preservation order; and located within a Tree Protection Area' jridu jkunu reġistrati mal-Awtorità ERA.

28.6.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 2451/20. *Playground inspection report*. Il-Kunsill jirċievi kull xhar rapport dwar il-qagħda tal-*playground* minn engineer biex ikun assigurat li l-*playground* jinżamm fi stat ta' kundizzjoni tajba.

28.6.7 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar korrispondenza nru. 2384/20. Sewqan perikoluż fi Triq il-Ħarruba. Is-Sindku Dott. Sciberras semma li l-Kunsill kien kiteb lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex ma jaċċessax aktar makkinarju goff

minn Triq il-Ħarruba, Triq iż-Żebbuġa, u Triq il-Ħwawar. Is-Sindku żied jgħid li fil-preżent, qed isir stħarriġ mill-Perit tal-Kunsill biex il-Kunsill jipproponi rotta alternattiva għall-aċċess ta' makkinarju goff. Fil-verità, is-soluzzjoni trid issibha l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta għaliex id-deċiżjonijiet li qed jieħdu l-awtoritajiet qed timpatta b'mod negattiv fuq il-lokalità tal-Iklin. Fl-aħħarnett, is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ressaq dan l-ilment ukoll lid-distrett tal-Pulizija ta' B'Kara biex jiżdiedu l-*patrols*.

**COMPLAINTS SHEET (05 - 31 Dec 2020)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 330 | 10/12/2020 | Bozza mitfija mar-Razzett L-Abjad, Triq Għargħur | settled | Razzett L-Abjad, Triq Għargħur | **ENEMALTA** |
| 331 | 10/12/2020 | Skip ġo parapett ħierġa fuq il-bankina, fi Triq il-Mużika | closed | Triq il-Mużika | **COUNCIL** |
| 332 | 14/12/2020 | Bozza tixgħel u titfi fit-traffic island ta' Pjazza Ninu Cremona | settled | Pjazza Ninu Cremona | **CONTRACTOR** |
| 333 | 15/12/2020 | Hemm karozza wara l-BITMAC li ilha fl-istess post xi ħmistax u r-residenti qed jissuspettaw li hija misruqa. | settled | Triq il-Ħwawar | **POLICE** |
| 334 | 15/12/2020 | Hemm trakk kbir tal-ġebel ipparkjat b'mod perikoluż fi Pjazza Ninu Cremona. | pending | Pjazza Ninu Cremona | **POLICE** |
| 335 | 15/12/2020 | Hemm karozza b'targa barranija u bil-liċenza skaduta fejn *substation* fi Triq GE Mercer. Ilha fuq sena hemm. | pending | Triq GE Mercer | **POLICE** |
| 336 | 15/12/2020 | Hemm bozza maqtugħa m'arblu fi Triq Ċensu Bugeja. | settled | Triq Ċensu Bugeja | **ENEMALTA** |
| 337 | 15/12/2020 | Double yellow line correction, mat-37, Triq Anton Buttigieg | settled | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 338 | 16/12/2020 | Hemm bankina biż-żrar quddiem il-ħanut tan-negozjui f Triq il-Mużika. | pending | Triq il-Mużika | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 339 | 18/12/2020 | Resident qed jilmenta fuq il-parking bays li għamilna fi Triq San Mikiel. Dan qed jgħid li aħjar saret bankina għax peress li t-triq djieqet u l-karozzi qed jipparkjaw, in-nies iridu jimxu min-nofs it-triq. | pending | Triq San Mikiel | **COUNCIL** |
| 340 | 18/12/2020 | *Cover ta' stopcock* miksur quddiem 27/29, Triq G Calleja | pending | Triq Ġużeppi Calleja | **WSC** |
| 341 | 18/12/2020 | Karozza ilha xhur ipparkjata quddiem Spiżerija fi Triq G Abos | e-mail | Triq G Abos | **Police** |
| 342 | 21/12/2020 | Ilment dwar karozza bla no plate fi Triq Ċensu Busuttil. | pending | Triq Ċensu Busuttil | **POLICE** |
| 343 | 21/12/2020 | Ilment dwar karozza bla no plate u liċenza u oħra b'numru barrani u bla liċenza fi Triq il-Klin. | pending | Triq il-Klin | **POLICE** |
| 344 | 21/12/2020 | Pressa baxxa ta' ilma 4, Triq Carmelo Pace | settled | Triq Carmelo Pace | **WSC** |
| 345 | 22/12/2020 | Resident qed jirraporta resident minn Triq Ġuzeppi Calleja li qed iħalli 'open skip' fuq il-kaxxa tad-disable tiegħu stess. | closed | Triq Ġużeppi Calleja | **COUNCIL** |
| 346 | 22/12/2020 | Hemm it-tappiera tad-drenagg ta' quddiem Josies maqlugha fi Triq in-Naxxar. | settled | Triq in-Naxxar | **WSC** |
| 347 | 23/12/2020 | Talba ghal Un/Loading bay quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq in-Naxxar. | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 348 | 23/12/2020 | Talba għal bozza ġdida fi Triq Anton Buttigieg għax hemm nuqqas suffiċċjenti ta' dawl. | pending | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 349 | 29/12/2020 | Siġra Acacia Lufanta invażiva mal ħajt tas-sejjiegħ fi Triq A M Caruana biex titnaddaf u titneħħa | pending | Triq A M Caruana | **ELC** |
| 350 | 29/12/2020 | Talba biex jitneħħa parking quddiem ħanut Triq E S Inglott għax qegħdin jipparkjaw vannijiet u trakkijiet kbar | pending | Triq E S Inglott | **COUNCIL** |
| 351 | 31/12/2020 | Bozza mitfija 22 Triq E S Inglott | pending | Triq E S Inglott | **CONTRACTOR** |
| 352 | 31/12/2020 | *Dumping* ta' xkejjer tal-kostruzzjoni fi Triq l-Awrekarja. | pending | Triq l-Awrekarja | **COUNCIL** |

**COMPLAINTS SHEET (02 - 11 Jannar 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 04/01/2021 | Bozza mitfija fi Triq Razzett L-Aħmar, fejn l-arblu tan-NET | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **CONTRACTOR** |
| 2 | 04/01/2021 | Salvavita tittrippja, talba biex jiskonnettja bozza ta' barra mar-38, Triq E S Inglott | pending | 38, Triq E S Inglott | **CONTRACTOR** |
| 3 | 04/01/2021 | Salvavita tittrippja, talba biex jiskonnettja bozza ta' barra mar-38/2, Triq E S Inglott | pending | 38/2, Triq E S Inglott | **CONTRACTOR** |
| 4 | 04/01/2021 | Salvavita tittrippja, talba biex jiskonnettja bozza ta' barra mar-31, Triq Pawlu grech | pending | 31, Triq Pawlu Grech | **CONTRACTOR** |
| 5 | 04/01/2021 | Ilment dwar ħruġ ta' drenaġġ minn tappiera fi Triq Geronimo Abos c/w Triq il-Klin. | pending | Triq il-Klin c/w Triq Geronimo Abos | **WSC** |
| 6 | 05/01/2021 | Fi 24, Triq Giovanni Curmi qed jiddaħħal ħafna skart u qed jibża li jaqbad. | pending | 24, Triq Giovanni Curmi | **POLICE** |
| 7 | 06/01/2021 | Talba biex tinqala' bozza minn ma' faċċata ta' residenza minn Triq Ġużeppi Calleja għax ser jsir demolizzjoni tal-binja. | pending | 41, Triq Guzeppi Calleja | **CONTRACTOR** |
| 8 | 06/01/2021 | Bozza maqtugħa fi Triq Frederick Borg. | settled | Triq Frederick Borg | **ENEMALTA** |
| 9 | 06/01/2021 | Bozza tixgħel u titfi fuq arblu fi Triq il-Mużika. | settled | Triq il-Muzika | **ENEMALTA** |
| 10 | 06/01/2021 | Hemm il-marki taż-żebgħa ta' zebra crossing ta' Triq in-Naxxar iċċarat ħafna u qed tkun ta' periklu għal min jaqsam minn fuqha. | pending | Triq in-Naxxar | **TM** |
| 11 | 06/01/2021 | Ilment dwar is-sitwazzjoni meta tidħol fi Triq Dun Karm, jkun diffiċli li tidħol għal Triq G Abos minħabba li min ikun għaddej mill-lane li jkunu ġejjin mill-Mosta/Naxxar ma' jagħtux ċans lill-vetturi li jkunu jridu jduru. | pending | Triq in-Naxxar | **TM** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 06/01/2021 | Residenta qed tilmenta li n-nies li qed joqgħodu fir-Red Farm fi Triq il-Wied qed joħorġu l-boroż tal-iskart mhux fil-ġurnata tagħhom. | pending (spoken to the owner and sent various letters) | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 13 | 07/01/2021 | Hemm ħofra fi Triq Ġwann Mamo. | settled | Triq Ġwann Mamo | **COUNCIL** |
| 14 | 07/01/2021 | Hemm bozza tixgħel u titfi fit-triq il-Ħwawar | Pending | Triq Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 15 | 08/01/2021 | Hemm żewġ arbli tad-dawl qed jissaddu fi Triq Giovanni Curmi. | pending | Triq Giovanni Curmi | **ENEMALTA** |
| 16 | 08/01/2021 | Hemm xi marki tat-toroq li jridu jitneħħew fejn biddilna l-one-ways. | pending | various | **COUNCIL** |
| 17 | 08/01/2021 | Talba biex jinqatgħu s-siġar fi Triq Dun Karm fejn 107, service road. | pending | Triq Dun Karm | **ELC** |
| 18 | 11/01/2021 | Bozza maqtugħa fuq arblu nru. L050/28 fi Triq il-Wied. | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 19 | 11/01/2021 | Bozza maqtugħa fuq arblu nru. L022/28 fi Triq il-Wied. | pending | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |

## 28.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI.

28.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

28.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

28.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

28.7.4 Imbagħad is-Sindku ressaq kwotazzjoni għall-awtorizazzjoni tax-xiri ta' oġġetti u/jew servizzi.

1. Kwotazzjoni għas-servizz ta' Cash Collection mingħand il-kumpannija G4S għall-prezz ta' Eur29.50c *per trip* VAT eskluż; *Nem con*.

## 28 .8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

28.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

28.8.2 Applikazzjoni PA 08981/20 – 108, Thyme, Triq Geronimo Abos, L-Iklin 'To carry out alteration on first and second floor and construct 2 additional floors, subdividing existing maisonette into 3 apartments and 1 penthouse'

27.8.3 Applikazzjoni PA 08307/20 – Plot 9 Triq Geronimo Abos, c/w Triq Censu Bugeja L-Iklin 'To construct office building in an undeveloped site. Proposal consists of two basement car-parking levels (15 parking spaces and 1 garage) and five overlying floors (including setback level) comprising a small Class 4D development and class 4A offices with ancillary facilities.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar dan il-propost żvilupp peress li kienu avviċinawh xi residenti dwar il-preokkupazzjoni għal dan l-iżvilupp propost.

Is-Sindku Dott. Sciberras semma li l-Kunsill kien tkellem mall-Konsulent u tana l-parir li nissottomettu rappreżentazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar biex nispjegaw l-oġġezzjoni għal dan l-iżvilupp.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-abbozz tal-ittra u ġiet moqrija waqt is-seduta a sodisfazzjon tal-preżenti. *Nem con*. Is-Sindku ikkonkluda li jekk naraw li dan il-każ ma jkunx ta' jdejna, nerġgħu nikkonsultaw mal-esperti biex jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji.

Is-Sindku Dott. Sciberras żied ukoll li r-residenti b'mod privat għandhom jissottomettu r-rappreżentazzjoni tagħhom mill-*punto di vista* tagħhom.

## 28.9 DISKUSSJONI DWAR IL-PROĊEDIMENTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

28.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet laqgħa tajba fejn ir-residenti li attendew kollha resqu suġġerimenti validi u ttieħdet nota ta' kull intervent li sar. Kien hemm mistoqsijiet li kellu tweġiba għalihom fl-immedjat u kien hemm kummenti oħra li l-Kunsill kien ser jaħdem fuqhom matul din is-sena.

28.9.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit tkellem dwar l-intervent li sar fuq l-għalqa ta' San Mikiel li ngħatat lill-privat għal skop ta' parkeġġ. Reġa semma dan il-punt għax mhux l-ewwel darba li jitilgħu kummenti fuq il-mezzi soċjali.

Staqsa jekk hux il-każ li ssir stqarrija biex il-Kunsill jispjega l-fatti u nerġgħu nagħmlu l-pożizzjoni tal-Kunsill ċara.

Is-Sindku Dott. Sciberras stqarr li għandu r-rieservi tiegħu dwar x'pubbliċità tista ssir. Fil-verità, il-Kunsill ma jaffordjax li jmexxi bil-proġett u kien għalhekk li qatt ma saret devoluzzjoni ta' din l-art. Ikkonkluda li fil-mument, dan is-sit għandu jibqa jaqdi l-iskop ta' parkeġġ għaliex dak kien l-aħjar mod biex il-Gvern tal-ġurnata amministra dik l-art. Fl-eventwalità li tinqala xi opportunità fil-futur, il-Kunsill ikun minn ta' quddiem biex jerġa jiftaħ id-diskussjonijiet.

**(Ara dok. E)**

## 28.10 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI GĦAS-SENA 2020.

28.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

28.10.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipal u tal-Uffiċċjal Eżekuttiv u cioè l-massimu ta' 6%.

Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. F)**

**28.11 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2020**

28.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

28.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras faħħar il-ħidma mwettqa mis-Segretarju Eżekuttiv u ressaq vot ta' ringrazzjament għall-performance tiegħu matul is-sena 2020. mill-Kunsillieri preżenti l-*performance bonus* ta'10%.

28.11.3 Imbagħad, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprovaw il-massimu li jista' jirċievi s-Segretarju Eżekuttiv u cioè bonus ta' performance ta' mhux aktar minn 10%.

28.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja tagħhom fih u tal-impjegati tal-Kunsill matul is-sena 2020.

**(Ara dok. G)**

**28.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' INCREMENT TAL-IMPJEGATA FIL-GRAD TA' UFFIĊĊJAL EŻEKUTTIV FI SKALA 13**

28.12.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa li wara li l-Kunsill kien approva il-massimu ta' 6% Performance Bonus lill-Uffiċċjal Eżekuttiv, jidher evidenti li l-livell ta' performance huwa wieħed sodisfaċenti anzi jeċċedi dak mistenni mill-impjegata.

28.12.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-preżenti li skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Riżorsi Umani, kull impjegat li ma jkunx fil-massimu tal-iskala tas-salarju li fiha jkun ġie impjegat ikun intitolat għal *increment* kull sena f'dik l-iskala, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu ta' dik l-iskala.

28.12.2 Fuq dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill wara li ġiet evalwata l-ħidma biex l-Uffiċċjal Eżekuttiv titla fil-ħames *notch* tal-iskala.

28.12.3 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japprova l-*increment*.

28.12.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 28.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

28.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2021 fil-5.30 pm.

28.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2021 fil-5.30 pm.

28.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.20 pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |